MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2014

Mandat Numru. 293/2013/1

**Mary Bonnici**

**vs**

**Joseph Bonnici**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-26 ta’ Novembru, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti intavolat il-mandat t’inibizzjoni *de quo* fejn esponiet li ghandha interess tikkawtela id-drittijiet taghha fir-rigward, u dan, sintetikament ghas-segwenti ragunijiet:

1.1 Illi l-kontendenti prezentement ghaddejjin bi procedura ta’ separazzjoni personali;

1.2 Illi tali procedura eventwalment ser twassal ghall-likwidazzjoni u terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;

1.3 Illi r-rikorrenti qed titlob li l-intimat jinzamm milli jippregudika d-drittijiet tar-rikorrenti jekk jithalla jizbanka, jillikwida jew b'mod iehor ibiegh, inehhi, jitrasferixxi, jiddisponi – kemm b'titolu oneruz jew gratuwitu, polza t'assikurazzjoni numru AP003507, *Lifelink Growth* tal-*MSV Life*, kif ukoll kull beneficcju appartenenti jew naxxenti minnha fil-komunjoni tal-akkwisti, liema polza timmatura fis-26 ta' Dicembru, 2013;

2.0 Rat id-digriet precedenti taghha datat is-26 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu:

2.1 Laqghet it-talba tar-rikorrenti provizorjament;

2.2 Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-udjenza hemm indikata, (ara fol 1 u 5);

3.0 Rat ir-risposta tal-intimat datata l-15 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu sintetikament wiegeb is-segwenti:

3.1 Illi m'hemmx htiega tal-mandat *de quo*, stante li d-drittijiet tar-rikorrenti huma ikkawtelat mod iehor;

3.2 Illi l-proprjeta` immobbli hi sufficjenti biex id-drittijiet tar-rikorrenti jkunu ikkawtelati;

3.3 Illi hemm mandat ta' qbid favur ir-rikorrenti li permezz tieghu d-drittijiet taghha huma wkoll kawtelati;

3.4 Illi ghalhekk ir-rikors promotur hu intempestiv;

3.5 Illi l-ispejjez tal-procedura odjerna ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti;

4 Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-intimat datat it-22 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu indika li d-rittijiet tar-rikorrenti xorta huma kawtelati tramite l-komunjoni tal-akkwisti;

5 Rat id-dokument espost;

Ikkunsidrat:

6.0 Illi din hi procedura *ai termini* tal-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ir-rikorrenti esprimiet li:

6.1 Ghandha biza' reali li d-drittijiet taghha jigu lezi;

6.2 Din il-lezjoni tkun irreparabbli;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta sintetikament is-segwenti:

7.1 Illi dan il-mandat jiffoka specifikatament fuq il-polza assikurattiva in dizamina;

7.2 Illi l-beneficjarju bl-istess polza hu l-intimat;

7.3 Illi l-istess polza timmatura fid-data indikata aktar qabel, (ara paragrafu numru wiehed punt tlieta, (1.3));

7.4 Illi kemm –il darba dan ir-rikors ma jigix milqugh, hemm il-possibilita` reali u attwali li l-ammont likwidat ma jigix trasmess lill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti kif dovut;

Ikkunsidrat:

8.0. Ili in vista tal-premess hi l-fehma ta' din il-qorti li r-rikorrenti issodisfat ir-rekwiziti legali involuti fuq riferiti u konsegwentement:

8.1 Tiddikjara li *prima facie* l-jeddijiet tar-rikorrenti jistghu jigu irrimedjabbilment lezi b'azzjoni tal-intimat;

8.2 Tvarja *contrario imperio* d-digriet precedenti taghha datat is-26 ta' Novembru, 2013, u:

8.2.1. Filwaqt li tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti:

8.2.2. Tordna l-hrug ta’ mandat t’inibizzjoni permanenti kif mitlub mill-istess rikorrenti kontra l-intimat fuq indikat aktar qabel;

8.2.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimat Joseph Bonnici.

____________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------